


JANNAR - MARZU 2010

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

### Minnkom Jisma' Aktar

Kemm hi diffiċli l-ħajja għaż-żgħażagħ u kemm hi aktar diffiċli l-ħajja għall-ġenituri biex dawn ilaħħqu mal-bżonnijiet dejjem jiżdiedu ta` wliedhom. Iż-żgħażagħ filwaqt li japprezzaw ir-regoli, fl-istess ħin jagħmlu minn kollox biex jiksruhom ħalli juru li huma 'l fuq mill-awtorità u bulijiet. Dan jiġri aktar, u bil-konsegwenzi l-oħra kollha, jekk il-ġenituri jeħduha ma' kulħadd anke jekk ikunu fiċ-ċert li binhom għandu tort. Iż-żgħażagħ iridu min jikkontrollahom u japprezzaw ħafna, fil-qalb ta' qalbhom, min jagħmel dan. Il-problemi jiżdiedu u jikkumplikaw ruħhom f'dawk il-familji fejn il-ġenituri ħallew lil uliedhom jagħmlu li jridu u jagħtuhom kulma jridu minn mindu jkunu tfal żgħar. Jekk tridu tgawdu lil uliedkom tiddejqux tikkoreġuhom u tieħdu kull pass li jkun jeħtieġ. Għidli kif, issa li kibru, ser tfehimhom biex ikunu aktar responsabbli u juruk aktar rispett meta dawn dejjem għamlu li jfettlilhom mingħajr ħadd qatt ma waqfilhom u li jekk waqfilhom xi ħadd ħadtuha kontrih. Min-naħa l-oħra dan bl-ebda mod ma jfisser li wliedkom għandkom iżżommuhom imċaħħdin minn kollox, li ma jistax ikollhom raġun jew li m'għandkomx tiddefendu lit-tfal tagħkom. It-tfal tiegħu kulħadd jagħmel minn kollox biex jara li ma jonqoshom xejn u li jżommhom fuq l-idejn però hawn irridu noqogħdu attenti għax nistgħu nkunu qed nagħmlu aktar ħsara milli ġid. Il-Malti jgħid li dak li tiżra' taħsad. Ejjew naħsbu ftit.

Is-Sur R. Portelli
Kap tal-Iskola

Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
http://schoolnet.gov.mt/kulleggsanbenedittubco

# EDITORJAL

## L-EŻAMIJIET U L-IMPORTANZA TAL-QARI

Frar huwa x-xahar tal-eżamijiet ta' nofs is-sena. Dawn l-eżamijiet jagħtuna indikazzjoni tal-andament akkademiku tal-istudenti tagħna. Juruna fejn l-istudenti għandhom jippruvaw ikunu iktar attenti u fejn iridu jagħfsu iktar fl-istudju. Min-naħa tagħna xieraq illi naraw li f'dawk is-suġġetti fejn l-istudenti jistgħu jimxu iktar 'il quddiem, dan jagħmluh sabiex sal-aħħar tas-sena huma jkunu jistgħu jġibu riżultati aħjar. B'riżultati tajbin jifirħu kemm l-għalliema u kemm il-ġenituri, imma l-iktar l-istudenti nfushom għaliex jieħdu s-sodisfazzjon tas-sagrifiċċji li jkunu għamlu.

Il-qari huwa wieħed mill-għodod li jgħinu lill-istudenti jtejbu l-marki fl-eżamijiet. Huwa ħila bżonjuża fil-ħajja tagħna. Il-qari jgħinna mhux biss fil-ħajja akkademika imma, iktar minn hekk, jgħinna biex insiru bnedmin sħaħ. Bil-qari nifthu orizzonti ġodda li ma tiftaħhomx bis-suġġetti tal-iskola waħidhom. Kemm hu ta' min jammirah l-istudent li jiffrekwenta l-librerija, kemm tal-iskola kif ukoll dik pubblika! Kemm huma ta' min jammirahom il-ġenituri li jħeġġu, bil-kelma u bl-eżempju, il-qari.

Is-Sur L. Deguara

# RITRATTI: ŻJARA F'ĊIPRU

*(Ara l-artiklu fuq paġna 5)*












## GĦALIEX GĦANDI MMUR NAĦDEM?



Għaliex għandi mmur naħdem?...Mistoqsija li naħseb li kull min hu ħaddiem xi darba jew oħra gietu f'moħħu. 'Biex ikolli x'niekol!...Għax bla flus la tgħannaq u lanqas tbus', tkun it-tweġiba ta' ħafna bla tlaqliq. U vera għax il-flus ma jiġux mill-arja.

Biss li kellu wieħed jieqaf jaħseb ftit jinduna li wieħed imur jaħdem għal numru ta' raġunijiet oħra. Hu *feeling* importanti li wieħed iħossu li qed jagħmel xi ħaġa utli u mhux jaħli l-ħin. Dan is-sens ta' sodisfazzjon hu importanti ħafna biex wieħed ikun kuntent. X'jiswa li jkolli kollox u mdejjaq! Raġuni oħra hi l-istima tagħna nfusna. Daqs kemm hu importanti li nħossni sodisfatt b'ħidmieti, daqstant ieħor importanti li nħossni kburi b'dak li kapaċi nagħmel u li jien niswa għal xi ħaġa. Aħna ma nitwieldux nafu kollox. Hu grazzi għax-xogħol li nagħmlu li aħna nitgħallmu u niżviluppaw il-ħiliet tagħna. Mhux hekk biss, imma ukoll grazzi għax-xogħol insiru nafu aktar lilna nfusna. Tajjeb ukoll li nammettu li aħna ngħixu bil-mod li ngħixu grazzi għall-ħidma ta' ħafna. Aħseb naqra kemm ħadmu nies biex tkun tista' tiekol biċċa ħobż biż-żejt jew biex tibgħat SMS. Għaldaqstant ix-xogħol hu ħaġa importanti u vitali għat-tip ta' għajxien tagħna u għalhekk hu importanti li nkunu edukati u ppreparati għad-dinja tax-xogħol.



B'dan il-ħsieb l-iskola ħasbet biex l-istudenti tal-ħames sena jagħmlu ġimgħa fuq xi post tax-xogħol. L-għan hu li jirriflettu għax raw u esperjenzaw fuq ir-realtà tax-xogħol, jiftħu l-orizzonti dwar x'tipi ta' xogħol jistgħu jkunu tajbin għalihom u x'inhu mistenni minnhom fuq il-post tax-xogħol. Għal din il-ġimgħa ilhom jiġu ppreparati tul is-sena kollha. L-istudenti għandhom lezzjoni fil-ġimgħa fejn jiddiskutu d-dinja tax-xogħol. L-istudenti se jkunu offruti diversità kbira ta' xogħlijiet, mis-settur tas-saħħa għal dak agrikolu. Hu interessanti u ta' ġid kbir li l-industrija u l-edukazzjoni jingħaqdu flimkien biex jgħinu l-ġenerazzjoni ta' għada tkun edukata tajjeb.

Is-Sur M. Cassar

# DEEMAR: "JIEN IRRID NIRNEXXI UKOLL!"

L-iskola tagħna ħadet sehem f'kompetizzjoni organizzata mill-British Council billi ppreżentat film qasir dwar it-tema tal-inklużjoni u d-diversità fl-edukazzjoni. Ridna li nieħdu din l-okkażjoni sabiex inwasslu messaġġ.



Marlon Formosa, student mir-raba' sena, ħareġ bl-idea li niffukaw dan il-film ta' tliet minuti fuq Deemar Mifsud, student li jbati minn kundizzjoni rari ħafna li tillimitalu ħafna l-movimenti tiegħu. Deemar u l-ġenituri tiegħu aċċettaw mill-ewwel li jipparteċipaw u allura stajna mill-ewwel nibdew bix-xogħol.

Il-film huwa maqsum f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti naraw id-diffikultajiet li persuna bħal Deemar tista' tiltaqa' magħhom u wara stajna naraw ukoll l-attitudni ferm pożittiva tiegħu li tħares ferm aktar 'il bogħod mid-diffikultajiet fiżiċi li bosta drabi jiltaqa' magħhom, imma li huwa wkoll determinat li jirnexxi fil-ħajja tiegħu.

Għandna unur ngħidu li l-iskola tagħna kklassifikat fit-tieni post f'din il-kompetizzjoni, u fil-fatt il-British High Commissioner għamlet preżentazzjoni fl-iskola tagħna biex tonora dan l-isem li l-iskola tagħna kisbet fuq livell Ewropew.

Is-Sur K. Scicluna





## IL-PRINĊEP IŻ-ŻGĦIR

Nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru, żar l-iskola tagħna l-kittieb u poeta Malti **Tusè Costa.** Huwa kien mistieden jiġi jiltaqa' mal-istudenti tal-Franċiż tat-tielet u r-raba' sena mid-dipartiment tal-Franċiż sabiex jitkellem dwar il-ktieb tiegħu ***Il-Prinċep iż-Żgħir*** li huwa qaleb direttament għall-Malti fl-1982 mix-xogħol ta' **Antoine de Saint-Exupery *Le Petit Prince***.

Is-Sur Costa ltaqa' mal-istudenti fil-librerija tal-iskola. L-ewwel introduċa ruħu u tkellem fuq fuq dwar ix-xogħlijiet tiegħu fil-qasam letterarju speċjalment l-element satiriku. Wara, l-istudenti tkellmu dwar il-kittieb Franċiz **Antoine de Saint-Exupery**. Is-Sur Costa mbagħad irrakkonta fil-qosor l-istorja tal-***Prinċep iż-Żgħir*** li tant qanqlet interess fost l-istudenti. Imbagħad inqraw siltiet bil-Franċiz mill-ktieb oriġinali u t-traduzzjoni tal-istess siltiet mill-ktieb ta' **Tuse Costa**. Fl-aħħar, l-istudenti ngħataw ħin biex jistaqsu xi mistoqsijiet lill-mistieden tagħna. Hawnhekk is-Sur Costa spjegalhom x'ħajru jittraduċi ***Le Petit Prince*** u kif kompla biex anke ppubblika ktieb bil-poeżiji tiegħu bil-Franċiż – ***Feu*** u saħansitra anke kompla l-istorja tal-***Prinċep iż-Żgħir*** meta kiteb bil-Franċiż ***Le Retour du Petit Prince***. Is-Sur Costa qassam kopja ta' dan il-ktieb b'awtografu tiegħu lil kull student preżenti u anke ħalla erba' kotba fil-librerija tal-iskola bħala donazzjoni. Huwa għoġbu jagħti wkoll diversi kotba minn tiegħu lill-għalliema preżenti. Nirringrazzjaw lis-Sur Costa talli aċċetta l-invit tagħna sabiex jiġi l-iskola u għall-ġenerożità tiegħu.

Is-Sinjura E. Grech Scicluna

## ŻJARA F'ĊIPRU

Erba' studenti mill-Kulleġġ San Benedittu kienu magħżula biex jirrappreżentaw lil Malta fiż-żjara tal-Comenius f'Ċipru. F'din iż-żjara, Malta, l-Italja u Ċipru pparteċipaw biex itellgħu preżentazzjoni fuq l-annimali endemiċi u indiġeni li jinsabu f'dawn it-tliet pajjiżi.

Aħna wasalna f'Ajax Hotel nhar is-Sibt, it-28 ta' Novembru għall-ħabta tas-6:10 ta' filgħaxija. Fid-9:30 ta' filgħaxija kellna laqgħa mal-Pascal School ta' Limassol u d-delegazzjoni Taljana. Dik il-lejla l-parteċipanti kollha ltaqgħu biex jieklu f'ristorant fil-qrib fejn ġie servut ikel tradizzjonali Ċiprijott.

L-għada l-membri tal-preżentazzjoni ttieħdu jżuru xi rħula li jinsabu fil-muntanji. L-ewwel żorna s-Santwarju tal-Ħmir li jinsab f'Vouni.

*(...ikompli fuq paġna 6)*

Id-direttur ta’ dan ir-razzett spjega kif il-ħmir jispiċċaw f’dan is-santwarju. Huwa qal ukoll li fil-preżent hemm 98 ħmar fir-razzett u li bosta minnhom inġiebu hemmhekk minħabba li kienu maħqura minn sjiedhom.

Imbagħad morna f’raħal li jismu Omodor. Hemmhekk kien hemm bosta ħwienet tas-suvenirs u djar tipiċi Ċiprijotti. Iktar tard ħadna l-ikla ta’ nofsinhar ma’ xi studenti oħra. Filgħaxija ċċenajna ma’ xi studenti oħra f’ristorant li kien jinsab f’ My Mail, ċentru kummerċjali f’Limassol.

It-tnejn filgħodu ngħatajna merħba fil-Pascal Greek School f’Limassol, li kienet qed tilqa’ lill-parteċipanti ta’ din il-preżentazzjoni. Hemmhekk iltqajna mad-direttur u mal-Kap tal-Iskola u wara ħaduna nduru wkoll il-klassijiet. Fil-ħdax il-parteċipanti mit-tliet pajjiżi ppreżentaw ix-xogħol tagħhom quddiem l-iskola kollha. Wara żorna wkoll iċ-Ċentru Ambjentali ta’ Akrotiri.

L-għada, it-Tlieta l-1 ta’ Diċembru, aħna żorna l-Great Greek/ Roman Curium Theatre. Flimkien mal-istudenti Ċiprijotti, aħna ħadna ħafna ritratti. Wara morna lura għall-Pascal School sabiex l-għalliema jkunu jistgħu jiddiskutu ftit mal-għalliema Taljani u Ċiprijotti fuq il-proġetti li konna ppreżentajna fil-ġurnata ta’ qabel.

Wara nofsinhar konna liberi u għalhekk ħadna l-opportunità biex immorru nixtru. Fit-8:00 ta’ filgħaxija morna f’ristorant fejn konna se nieħdu l-ikla ta’ filgħaxija flimkien mad-delegazzjoni Taljana, l-għalliema Ċiprijotti u l-istudenti. Hemmhekk kien hemm ikel tipiku Ċiprijott, mużika tradizzjonali u aħna żfinna żifna Ċiprijotta flimkien mal-istudenti l-oħra u l-għalliema.

L-Erbgħa kienet l-aħħar ġurnata sħiħa tal-programm. Aħna qattajna sal-4:00 ta’ wara nofsinhar f’Larnaka. Fl-għaxra ta’ filgħodu kellna ħarġa sal-monumenti storiċi. Aħna mxejna triq twila matul il-kosta, magħrufa bħala Phinikoudes, waqt li ħadna ġelat. Imbagħad ħadna l-ikla ta’ nofsinhar fil-Pascal School f’ Larnaka.

Il-Ħamis filgħodu ħallejna l-lukanda biex immorru l-ajruport. Waqt li kont fuq l-ajruplan, jiena bdejt nirrifletti fuq il-ħbieb li għamilt f’Ċipru u kif kont se nibqa’ f’kuntatt ma’ dawn il-ħbieb ġodda.



*(Ara r-ritratti fuq paġna 2)*

David Polidano
Student tal-Ħames Sena

# IŻ-ŻJARA TAR-RE JUAN CARLOS I TA' SPANJA F'MALTA

Nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru kien jum speċjali għall-istudenti li jistudjaw il-lingwa Spanjola fl-iskola tagħna. Dan għaliex ġiet organizzata ħarġa marbuta mal-kultura ta' din il-lingwa.

Kienet ġurnata mimlija esperjenzi ġodda. Iż-żjara bdiet billi żorna ċ-Ċentru Kulturali Spanjol Malti. L-għan ta' din iż-żjara kien li nitgħallmu aktar dwar il-kultura Spanjola. Fiċ-Ċentru stajna nosservaw u nitgħallmu kif evolviet l-istorja Spanjola. Kienet esperjenza li permezz tagħha l-istudenti tagħna setgħu jaraw is-similaritajiet bejn l-istorja Maltija u dik Spanjola. Wara, l-istudenti tagħna ġew maqsuma f'żewġ gruppi u kull grupp ra dokumentarju dwar postijiet ta' interess fi Spanja. L-istudenti kienu sorpriżi bl-ammont kbir ta' knejjes u katidrali li hemm fi Spanja. Il-filmat kien segwit minn diskussjoni dwar il-postijiet li ġew deskritti fil-filmati.

Wara, l-istudenti kollha baqgħu sejrin lejn Pjazza San Ġorġ biex jassistu għas-salut lir-Re Juan Carlos I ta' Spanja. L-istudenti kienu emozzjonati ħafna hekk kif ingħataw *pass* speċjali biex jidħlu f'sezzjoni li kienet ippreparata għalihom. Fi Pjazza San Ġorġ stajna naraw il-parata tal-Armata ta' Malta. L-istudenti baqgħu mistagħġbin bl-uniformi perfetta tas-suldati u bis-sinkronija tal-passi tagħhom. Fi Pjazza San Ġorġ stajna naraw ukoll lill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta u l-Onorevoli Prim Ministru, flimkien ma' Ministri oħra u membri tal-Ambaxxata Spanjola f'Malta. Fil-pjazza stajna ngħixu ftit mill-kultura Spanjola, hekk kif maġenbna kien hemm grupp Spanjol li għex dak il-mument bħallikieku kien jinsab ġewwa Spanja stess. Il-grupp Spanjol kien kollu entużjażmu jxejjer il-bnadar u jgħajjat il-kliem 'Viva el rey, viva España'. L-entużjażmu ta' dak il-grupp beda jħajjar lill-istudenti tagħna tant li anke huma xtaqu jingħaqdu ma' dan il-grupp. Kien ta' unur għal kull min attenda din iċ-ċerimonja, li josserva r-rispett li wrew l-istudenti waqt id-daqq tal-Innu Malti u dak Spanjol. Iż-żjara ntemmet bil-wasla tar-Re fil-pjazza li kienet akkumpanjata b'ċapċip kbir.



Din iż-żjara setgħet isseħħ, grazzi għall-koperazzjoni tal-membri tal-protokoll Malti, l-OPM, l-Ambaxxata Spanjola f'Malta u ċ-Ċentru Kulturali Spanjol Malti. Id-Dipartiment tal-Ispanjol fl-iskola jirringrazzja wkoll lill-Assistenti Kapijiet tal-għajnuna li offrewlna fil-preparazzjonijiet kif ukoll lis-Sinjura L. Brincat u lis-Sur A. Pace li akkumpanjawna matul din iż-żjara.

Is-Sinjura M. Schembri Dalli

# KALENDARJU UFFIĊĊJALI

| Marzu 2010 | |
|---|---|
| 1 | Bidu tat-tieni *Teaching Practice* |
| 1 - 5 | Eżerċizzi Spiritwali (studenti tat-tielet sena) |
| 1 - 5 | Ġimgħa fid-dinja tax-xogħol (studenti tal-ħames sena JL) |
| 10 | *BOOSTER Programme* – Sedqa – studenti tar-raba' sena SEC |
| 11 | *BOOSTER Programme* – Sedqa – studenti tar-raba' sena JL |
| 8-12 | Ġimgħa fid-dinja tax-xogħol (studenti tal-ħames sena AS) |
| 8-12 | Eżerċizzi Spiritwali (studenti tat-tieni sena) |
| 12 | Jum il-Ġenituri (ġurnata sħiħa) |
| 15-18 | Eżerċizzi Spiritwali (studenti tar-raba'sena) |
| 17 | *BOOSTER Programme* – Sedqa – studenti tar-raba' sena JL |
| 18 | *BOOSTER Programme* – Sedqa – studenti tar-raba' sena SEC |
| 19 | Vaganza Pubblika |
| 22-25 | Eżerċizzi Spiritwali (studenti tal-ewwel sena) |
| 22 | *BOOSTER Programme* – Sedqa – studenti tar-raba' sena SEC |
| 23 | Jum Sportiv – studenti tat-tielet,ir-raba' u l-ħames sena |
| 24 | *What is addiction?* – (għalliema tal-*Guidance/Counsellor* ) Ġenituri ta' studenti tal- ewwel sena |
| 26-28 | *Live in* għal studenti tal-ħames sena |
| 31 | Vaganza Pubblika |

*Il-programm jista' jinbidel skond il-ħtieġa*

# RITRATTI: ATTIVITAJIET TAL-MILIED







## April 2010

| | |
|---|---|
| 1-7 | Vaganzi tal-Għid |
| 8 | Bidu tat-tielet term |
| 8 | *BOOSTER Programme* – Sedqa – studenti tar-raba' sena JL |
| 9 | *BOOSTER Programme* – Sedqa – studenti tar-raba' sena SEC |
| 14 | *BOOSTER Programme* – Sedqa – studenti tar-raba' sena SEC |
| 16 | Fiera tas-suġġetti – Għażla tas-suġġetti – studenti tat-tieni sena JL u ġenituri |
| 16 | Tmiem tat-*teaching practice* |
| 19 | *BOOSTER Programme* – Sedqa – studenti tar-raba' sena JL |
| 20 | Fiera tas-suġġetti – Għażla tas-suġġetti – studenti tat-tieni sena SEC u ġenituri |
| 21 | Jum Sportiv  studenti tal-ewwel u t-tieni sena |
| 22 | *BOOSTER Programme* – Sedqa – studenti tar-raba' sena SEC |
| 28 | Jien u ibni – Fejn jien miegħu?  (għalliema tal-*Guidance / Counsellors*) – Ġenituri ta' studenti tat-tielet sena |

## Mejju 2010

| | |
|---|---|
| 1 | Vaganza Pubblika |
| 4-7 | Żjarat ta' orjentazzjoni dwar xogħol  (għalliema tal-*Guidance*) – studenti tar-raba' sena JL |
| 12 | Sessjoni PD wara l-ħin tal-iskola |
| 14 | Jum il-Premjazzjoni |

*Il-programm jista' jinbidel skond il-ħtieġa*







## ŻJARA EDUKATTIVA FIL-FABBRIKA TAL-MALTA DAIRY PRODUCTS



Il-kumitat responsabbli mit-tixrid tal-Kultura Maltija kompla jaħdem biex ikompli joffri aktar esperjenzi fejn l-istudenti jduqu aspetti diversi ta' dak kollu li hu Malti, fosthom drawwiet u tradizzjonijiet. Wara l-ħarġa edukattiva ġewwa razzett rurali fix-Xewkija, Għawdex, issa kien imiss li nżuru l-fabbrika tal-Malta Dairy Products, il-Ħamrun. Filwaqt li f'Għawdex apprezzajna l-metodi tradizzjonali ta' kif isiru prodotti tal-ħalib, f'din iż-żjara stajna naraw kif iż-żmien ġab bidla fil-metodi ta' kif dawn il-prodotti jsiru b'aktar ħeffa permezz ta' makkinarji moderni.

Nhar is-17 ta' Diċembru, 2009, grupp ta' studenti li għandhom is-suġġett tal-*Home Economics* fil-Forms 1, 2 u 3 kellhom l-opportunità jduqu dan l-aspett mill-kultura Maltija. L-għan ta' din iż-żjara kien li naraw fiex tikkonsisti l-industrija tal-ħalib f'Malta kif ukoll il-produzzjoni ta' prodotti varji magħmula mill-ħalib. Il-ħalib hu prodott naturali li ilu jintuża fil-kċina Maltija għal żmien twil, u apparti li tajjeb għas-saħħa, jista' jintuża b'ħafna modi fl-ikel Malti.

Kif wasalna, is-Sur V. Anastasi tana tagħrif interessanti dwar il-produzzjoni tal-ħalib f'Malta u Għawdex. Permezz ta' *slideshow* hu spjegalna dwar kwalitajiet ta' baqar u kif dawn jinħalbu darbtejn kuljum. Sirna nafu li baqra tagħti tnejn u għoxrin litru kuljum. Is-Sur Anastasi qalilna x'jiġri wkoll meta l-ħalib jasal fil-fabbrika. Hawn tingħata importanza kbira lis-sanità; kampjuni ta' ħalib jittieħdu biex jiġi ċċekkjat l-ammont ta' xaħam, aċidità u ndafa fil-ħalib ta' merħliet differenti. Dan hu importanti ħafna għaliex ir-raħħal jitħallas mhux biss skont l-ammont ta' ħalib li jġib fil-fabbrika, iżda wkoll skont il-kwalità.

Wara kien imiss lilna biex immorru naraw kif il-ħalib jiġi pproċessat fil-fabbrika stess. Rajna ħaddiema jħaddmu magni li fihom il-ħalib jiġi msaħħan u mbagħad imkessaħ f'temperaturi kkontrollati u ppasturizzat, u magni oħra li jippakkjaw il-ħalib u *yoghurts* fil-kontenituri li naraw fil-ħwienet. Fil-brejk ħadna wkoll *yoghurt*.



Fl-aħħar nett, is-Sur Anastasi wriena filmati dwar kif isiru l-ġbejniet, l-irkotta, il-mozzarella u l-ħalib, dejjem b'metodi u b'makkinarji moderni li jisħqu ħafna fuq l-indafa biex il-prodott li joħroġ ikun ta' kwalità u tajjeb għas-saħħa.

Permezz taż-żjara tagħna fil-fabbrika, l-istudenti setgħu jaraw il-proċess li bih isiru l-ġbejniet, l-irkotta, il-*yoghurts* u l-ħalib, u kif dawn isibu posthom fil-kċejjen tagħna. Kienet esperjenza edukattiva li filwaqt li rawmet l-imħabba lejn il-Kultura Maltija fost l-istudenti tagħna, torbot ukoll mas-sillabi u t-tagħlim tal-*Home Economics.*

Is-Sur A. Cutajar









# ATTIVITAJIET RELIĠJUŻI FI ŻMIEN IL-MILIED

Din is-sena fl-iskola ġew organizzati diversi attivitajiet reliġjużi fi żmien il-Milied. Dawn l-attivitajiet ħadu ħsiebhom l-SDP Christian Values and Pastoral Care Team flimkien ma' numru ieħor ta' għalliema li użaw it-talenti tagħhom biex dawn l-attivitajiet jirnexxu.

Il-quddisiet tal-Milied kienu organizzati b'mod speċjali tant li l-istudenti ta' kull sena kellhom l-opportunità li jesperjenzaw quddiesa tal-Milied b'mod differenti. Dan minħabba li kull quddiesa ġiet addatta għall-udjenza partikolari tal-istudenti. Barra minn dan, kien hemm ukoll sehem ġdid fi ħdan l-ambjent skolastiku ta' żewġ saċerdoti ġodda: Fr Michael Bellizzi u Fr Glenn Buhagiar flimkien ma' Fr David Farrugia. L-istudenti pparteċipaw ukoll fl-għajnuna u fl-organizzar tal-quddiesa. Dawn taw sehemhom fil-kor, fl-armar tal-quddiesa u fir-reċta Have a Life li saret matul il-quddies tal-Form 5. Biex jitkattar l-ispirtu tal-Milied fl-iskola, kompla jitħejja u anki jikber il-presepju l-kbir tal-iskola, fejn dis-sena ġie armat ukoll l-għarix. L-attivitajiet tal-Milied ġew fi tmiemhom b'purċissjoni bil-Bambin madwar l-iskola – attività li saret għall-ewwel darba fl-iskola. Fiha ħadu sehem il-banda tal-iskola flimkien mal-abbatini u l-istudenti kollha tal-iskola li mxew b'mod solenni wara Ġesù Bambin. L-attività ngħalqet bil-messaġġ li l-Milied huwa żmien ta' paċi u mħabba lejn dawk li huma qrib tagħna.

Is-Sinjura R. Bugeja Muscat

# ATTIVITAJIET SPORTIVI FI ŻMIEN IL-MILIED

L-attivitajiet tal-Milied ta' din is-sena kienu differenti għall-aħħar minn tas-snin ta' qabel. Fejn it-tradizzjoni kienet li dejjem issir il-pantomima tal-għalliema u l-kunċert tal-istudenti, minħabba ċirkustanzi li ma kellniex kontroll fuqhom, din is-sena ħsibna li nagħmlu xi ħaġa differenti.

L-għalliema tal-edukazzjoni fiżika flimkien mal-għalliema l-oħra tal-SDP tal-isport, iddeċidejna li nagħmlu attività fejn fiha jieħu sehem kulħadd, l-istudenti, l-għalliema kif ukoll il-ġenituri. Semmejniha ***Fun Run*** li kienet tikkonsisti f'mixja, ġirja bir-roti u tellieqa tal-ġiri, li kienu madwar tliet kilometri 'l waħda. 'Il fuq minn mitejn u ħamsin student mill-iskola tagħna, mija u għoxrin studenta mill-iskola ta' Santa Lucija, xi għalliema u ġenituri ukoll ħadu sehem fiha. Fl-aħħar tat-tellieqa, l-ewwel żewġ studenti minn kull form, kellhom l-opportunità unika li jagħmlu attività oħra interessanti li titlob li tkun kuraġġuż u ma tibżax mill-għoli, barra s-saħħa fiżika.

Dan kien il-"Jacob's Ladder" li ġie armat minn fuq il-bejt tal-iskola, bis-saħħa tas-Sur Angelo Camilleri, l-għalliem tal-Ġografija.

L-istudenti u l-għalliema tal-kunsill organizzaw *car wash* u *penalty shooting*, u parti mill-flus li nġabru marru għall-karità, għad-dar tat-tfal ġewwa ż-Żurrieq. Din is-sena, barra l-għalliema, kien hemm mistieden speċjali jilqa' xuttijiet ġewwa l-lasta, id-DJ magħruf J.Joy.

Fl-istess żmien, fil-kampanja tal-istrina, inġabru ftit anqas minn erba' mitt ewro permezz tal-*piggy banks* li tqassmu f'kull klassi. Il-ġenerożità tal-istudenti ħarġet mill-ġdid f'dan iż-żmien daqshekk speċjali tal-Milied, fejn kulħadd ta li seta' għal min hu aktar fil-bżonn.

Attività oħra sportiva, mistennija ħafna mill-istudenti tat-timijiet tal-futbol kienet il-logħba bejn l-għalliema u l-istudenti tal-form 2 u 3, u logħba oħra bejn l-istess għalliema u studenti ta' form 4 u 5. Iż-żewġ logħbiet intrebħu mit-tim tal-għalliema li kien magħmul minn xi għalliema tal-PE, Matematika, Reliġjon u PSD. Importanti iżda li dawk l-istudenti li lagħbu kontra l-għalliema ma jaqtgħux qalbhom, għax jekk jittrenjaw aktar bis-serjetà, xi darba jafu jirbħu!

Nixtiequ li fl-aħħar nirringrazzjaw minn qalbna l-isponsors ta' dan l-avveniment sabiħ li bil-ġenerożità kbira tagħhom għamlu dawn l-attivitajiet possibbli. Dawn kienu Coca-Cola li tawna ilma għal kull parteċipant, Benna għall-ħalib, Starfruit għall-frott frisk u Sports Experience għat-trofej għar-rebbieħa tar-*Road Race*. Nirringrazzjaw ħafna ukoll lill-pulizija tat-traffiku li għenuna bil-preżenza tagħhom waqt il-*Fun Run*.

*(Ara r-ritratti fuq paġni 8 u 9)*

Is-Sur G. Dapi

## EKOSKOLA: 'FLICK THE SWITCH'

Forsi ġieli smajtu bil-kumitat tal-EkoSkola. Issa billi l-iskola rreġistrat mal-kampanja tal-*Flick the switch* għandna grupp ġdid li l-istudenti jafuh aktar bħala l-*Flickers* li jiġi s-sotto kumitat tal-EkoSkola fl-iskola tagħna.

Aħna niltaqgħu fil-brejk ta' wara nofsinhar, naraw u niddiskutu l-problemi ambjentali ġol-iskola u naraw x'għandna nagħmlu biex nirranġawhom. Bħalissa qegħdin naħdmu fuq dawn it-temi:

1. Li naraw li nisseparaw l-iskart
2. U naqraw kemm qegħdin naħlu elettriku sabiex inkunu nistgħu naraw kif innaqqsu mill-konsum.

(...*ikompli fuq paġna 14)*

Sħabi u jien ħadna interess meta konna rajna xi *clips* mal-għalliema tal-ġografija Ms. L Cassar li kienet se tieħu ħsieb il-grupp il-ġdid tal-*Flickers*. Il-filmati kienu dwar il-ħela tal-elettriku meta xi swiċċ jibqa' mixgħul jew meta nħallu xi apparat fuq *stand by,* eċċ. Minn hemm aħna ddeċidejna li nidħlu f'dan il-grupp u nibdew inqajmu aktar kuxjenza fuq din it-tema.

L-Ekoskola tagħmel ħafna xogħol mal-*Flickers* rigward l-ambjent madwar l-iskola. Dawn huma xi ftit minnhom:

- Rajna li s-separazzjoni tal-iskart issir sew ġewwa l-iskola, fil-klassijiet, uffiċini, eċċ u barra fil-btieħi ukoll.
- Għamilna laqgħa mal-kunsill ta' Ħal Kirkop sabiex ikun jista' jgħinna fix-xiri ta' *bins* ġodda u aktar *solar panels* fuq il-bjut tal-iskola.
- L-EkoSkola u l-*Flickers* għażilna u ordnajna *bins* ġodda għas-separazzjoni tal-iskart. Tal-plastik ser ikunu blu u tal-karti ser ikunu bojod.
- Għamilna attività mal-kunsill tal-istudenti (*Car wash*) sabiex niġbru xi fondi għall-*bins* il-ġodda.
- Kompetizzjoni għal-*labels* ta' fuq il-*bins* ġiet organizzata u ntagħżlu r-rebbieħa.
- Ġew iddisinjati l-*logo* u *badges* għall-*Flickers*.
- Fit-3 ta' Diċembru ġie inawgurat il-programm *Flick the Switch* ġol-iskola tagħna. Għall-okkażjoni ġie jkellimna l-inġinier Stefan De Marco fejn tana pariri siewja dwar kif għandek tnaqqas il-konsum tal-elettriku. It-taħdita nistgħu nsibuha fuq: http://www.vimeo.com/7981515; http://www.vimeo.com/8032094.
- Meta kellna ċ-ċans (waqt xi *free lesson*) dorna xi klassijiet u għidna lill-istudenti sabiex jitfu d-dawl meta ma jkollhomx bżonnu speċjalment meta tkun xi ġurnata xemxija.
- Il-*Flickers* jiltaqgħu t-Tnejn u l-Ġimgha biex imorru jaqraw il-meter tad-dawl u jaħdmu kemm qiegħed jintuża elettriku ġol-iskola tagħna.
- Issa twaħħlet l-**Ecocode** fil-foyer li hija lista ta' regoli li l-istudenti u l-istaff kollu għandhom josservaw.
- Ġiet logħba l-iskola (l-*iSwitch Game*) li studenti, l-aktar mill-Form 3 ħadu gost jilagħbu waqt li jitgħallmu kif jistgħu jikkonsmaw inqas enerġija.
- *Labels* li diġà ġew iddisinjati ser jitwaħħlu ħdejn is-swiċis biex kulhadd jiftakar biex jitfi d-dwal.
- Sar ukoll il-*video Flick the Switch*. Dan tistgħu tarawh fuq is-sit tal-iskola. Tajjeb li narawh dan il-*video* u nifhmu sew il-messaġġ tiegħu.

Aħna l-istudenti naħdmu imma magħna għandna l-għalliema tagħna biex imexxuna u mingħajrhom ma nkunu nistgħu nagħmlu xejn. Għalhekk minn hawn nirringrazzja lil Ms. Bonavia (Kimika), Ms. Brincat (Taljan), Mr. Zammit (Ġografija), u Mr Sacco (Ingliż). Imma hawnhekk irridu ukoll ninkuraġġukom biex tieħdu ħsieb l-ambjent u l-enerġija. ***Flick The Switch!***

Gabriel Izzo 3.1
*Flickers* -Ekoskola

*(Ara r-ritratti fuq paġna 16)*

## TIXTIEQ TKUN TAF ...........?

## KEMM QED TAGĦTI KAŻ TAL-IĠJENE PERSONALI U L-AMBJENT TA' MADWAREK?

Ieqaf għal ftit minuti u imla dan il-*quiz* li se jgħinek tirrifletti fuq il-ħajja personali tiegħek u tasal għar-risposta tal-mistoqsija.

| | DEJJEM | KULTANT | QATT |
|---|---|---|---|
| Ninħasel u nbiddel ħwejġi (speċjalment ta' taħt) mill-anqas darba kuljum. | | | |
| Snieni naħsilhom mill-anqas darbtejn kuljum u xagħri naħslu mill-ġel qabel norqod. | | | |
| Qabel u wara l-ikel, meta nagħtas, nisgħol jew immiss imnieħri nara li naħsel idejja bis-sapun u l-misħun. | | | |
| Wara li nuża t-*toilet* nara li niflaxxja u naħsel idejja sew bis-sapun u l-misħun. | | | |
| Wara l-lezzjoni tal-P.E. nitnaddaf ħafif bil-*wet wipes* u nbiddel it-*t-shirt.* | | | |
| Fil-basket tal-iskola dejjem inżomm pakkett *tissues* u *wet/alcohol wipes*. | | | |
| Qatt ma nsellef jew nissellef affarijiet personali, eż. fliexken tax-xorb. | | | |
| Kull meta narmi, nagħmel użu mill-*bins* u nissepara l-iskart bi ħsieb. | | | |
| Meta nara dawl jew fannijiet mixgħula bla bżonn nitfihom u nagħlaq twieqi li jkunu miftuħin għalxejn. | | | |
| Noqgħod attent li ma nikkawżax periklu bla bżonn jew nagħmel ħsara lill-ambjent li qed ngħix fih fl-iskola. | | | |

Jekk kellek tmien risposti jew aktar immarkati:

- **DEJJEM** - Student li tagħti każ tajjeb ħafna tal-iġjene personali u l-ambjent li qed tgħix fih fl-iskola. Kompli sejjer hekk u aqsam dawn il-prattiċi sbieħ ma' sħabek.
- **KULTANT** - Jeħtieġ tibda tagħmel sforz biex ittejjeb l-iġjene personali u tieħu aktar ħsieb tal-ambjent li kontinwament tgħix fih fl-iskola. Ibda llum qabel għada.
- **QATT** - Riżultat preokkupanti ħafna li jeħtieġ bidla immedjata f'dak li hu iġjene personali u l-kura tal-ambjent ta' madwarek fl-iskola. Nuqqas ta' sforz jista' jwassal għall-problemi serji ta' saħħa, kif ukoll soċjali.

Is-sinjura R. Zammit

# GĦADDIET NOFS IS-SENA. ISSA FEJN SEJRIN?

Kemm jiġri ż-żmien...filli għadna nibdew is-sena skolastika u filli diġà għaddiet nofsha!! Meta jasal f'idejkom dan il-fuljett se nkunu għadna kif spiċċajna l-eżamijiet ta' nofs is-sena u bosta minnkom issa jinsabu anzjużi sabiex ikunu jafu kif mar it-tifel f'dawn l-eżamijiet. Fil-fatt ir-riżultat tat-tifel jingħatalkom f'Jum il-Ġenituri li se jkun nhar il-Ġimgħa 12 ta' Marzu. Dakinhar intom il-ġenituri mitlubin tiġu l-iskola ta' binkom sabiex minbarra li tingħataw ir-riżultat, tiddiskutu l-progress tat-tifel mal-għalliema tiegħu. Dan hu jum importanti għalikom u għal uliedkom għaliex ikollkom ħin itwal sabiex tiddiskutu l-progress tat-tifel u fejn jeħtieġ li jsir aktar xogħol sabiex it-tifel jimxi aktar 'il quddiem.

Bosta minnkom diġà ġejtu l-iskola fil-lejla tal-ġenituri li saret f'Diċembru li għadda. Fil-fatt 71% tal-ġenituri attendew dakinhar u kellna kummenti pożittivi ħafna mingħand bosta minnkom fil-kwestjonarju li ngħatalkom. Dan kollu jimliena bil-kuraġġ u l-ħeġġa sabiex inkomplu naħdmu għall-ġid ta' uliedkom ħalli kull student fl-iskola jkun jista' jilħaq il-massimu tal-ħiliet tiegħu u jirnexxi. Dan kollu jista' jsir b'ħidma kontinwa minna lkoll fl-iskola u b'appoġġ sħiħ minnkom il-ġenituri. Ftakru dejjem li t-tfal u ż-żgħażagħ tal-lum huma l-adulti ta' għada u dak li niżirgħu llum, għad irridu naħsduh fil-futur!

Is-Sinjura C. Pisani Grixti
Assistenta Kap

# RITRATTI: EKOSKOLA





(Ara l-artiklu fuq paġna 14)

**Bord Editorjali:**
Assistent Kap: C Pisani Grixti
Disinn: A Galea
Issettjar: A M Zammit u A Galea
Qari tal-Provi: L Deguara u W Incorvaja
Stampar: C Cassar